



Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 738/2014 tat-3 ta' Lulju 2014 li japprova emenda mhux minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-orġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Limone di Rocca Imperiale (IĠP)]** 1
- Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 739/2014 tas-7 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex 3

DEĊIŻJONIJET

2014/435/UE:

- ★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Lulju 2014 li tistabbilixxi l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għan-nefqa mġarrba minn Spanja fl-2013 għall-finanzjament ta' miżuri ta' emerġenza biex tiġi miġġielda l-influenza avjarja (notifikata bid-dokument C(2014) 4437)** 5

2014/436/UE:

- ★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Lulju 2014 li tistabbilixxi l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għan-nefqa mġarrba mid-Danimarka fl- 2013 għall-finanzjament tal- miżuri ta' emerġenza biex tiġi miġġielda l-influenza avjarja (notifikata bid-dokument C(2014) 4439)** 7

2014/437/UE:

- ★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Lulju 2014 li tistabbilixxi l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għan-nefqa mġarrba mill-Ġermanja fl-2012 u fl-2013 għall-finanzjament ta' miżuri ta' emerġenza biex tiġi miġġielda l-influenza avjarja (notifikata bid-dokument C(2014) 4441)** 9

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 738/2014

tat-3 ta' Lulju 2014

li japprova emenda mhux minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-orġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Limone di Rocca Imperiale (IĠP)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ⁽¹⁾, u b'mod partikulari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 53(1), tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni eżaminat it-talba tal-Italja għall-approvazzjoni ta' emenda fl-ispeċifikazzjoni tal-indikazzjoni ġeografika protetta "Limone di Rocca Imperiale" irreġistrata skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 149/2012 ⁽²⁾.
- (2) Billi l-emenda kkonċernata mhijiex minuri fis-sens tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni ppubblikat it-talba għall-emenda f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽³⁾, kif stipulat fl-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament imsemmi.
- (3) Billi l-Kummissjoni ma ġiet mgħarrfa bl-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, l-emenda tal-ispeċifikazzjoni għandha tiġi approvata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-emenda tal-ispeċifikazzjoni ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea b'rabta mad-denominazzjoni mniżżla fl-Anness ta' dan ir-Regolament, b'dan hija approvata.

⁽¹⁾ ĠUL 343, 14.12.2012, p. 1.

⁽²⁾ ĠUL 48, 21.2.2012, p. 11.

⁽³⁾ ĠU C 42, 13.2.2014, p. 16.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Lulju 2014.

*Għall-Kummissjoni
fisem il-President,
Dacian CIOLOȘ
Membru tal-Kummissjoni*

ANNEX

Prodotti agrikoli maħsubin għall-konsum mill-bniedem imniżżlin fl-Anness I tat-Trattat:

Il-kategorija 1.6. Frott, ħaxix u ċereali, friski jew ipproċessati

L-ITALJA

Limone di Rocca Imperiale (IGP)

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 739/2014**tas-7 ta' Lulju 2014****li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament dwar l-OKS unika) ⁽¹⁾,Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jip-preskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ⁽²⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.
- (2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Lulju 2014.

*Għall-Kummissjoni,**F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali⁽¹⁾ ĠUL 299, 16.11.2007, p. 1.⁽²⁾ ĠUL 157, 15.6.2011, p. 1.

ANNEX

Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

<i>(EUR/100 KG)</i>		
Kodiċi tan-NM	Kodiċi tal-pajjiż terz ⁽¹⁾	Valur standard tal-importazzjoni
0702 00 00	AL	53,5
	MK	67,6
	TR	61,7
	XS	47,9
	ZZ	57,7
0707 00 05	AL	74,4
	MK	36,9
	TR	78,2
0709 93 10	ZZ	63,2
	TR	99,3
0805 50 10	ZZ	99,3
	AR	102,9
0808 10 80	TR	134,6
	UY	120,8
	ZA	128,2
	ZZ	121,6
	AR	116,8
0808 30 90	BR	81,7
	CL	91,5
	NZ	132,7
	ZA	122,8
	ZZ	109,1
0809 10 00	AR	75,7
	CL	114,9
	NZ	184,8
	ZA	78,9
0809 29 00	ZZ	113,6
	MK	85,9
	TR	255,7
	XS	59,5
0809 30	ZZ	133,7
	TR	333,2
0809 30	ZZ	333,2
	TR	149,8
	ZA	249,3
	ZZ	199,6

⁽¹⁾ In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-4 ta' Lulju 2014

li tistabbilixxi l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għan-nefqa mġarrba minn Spanja fl-2013 għall-finanzjament ta' miżuri ta' emerġenza biex tiġi miġġielda l-influenza avjarja

(notifikata bid-dokument C(2014) 4437)

(It-test bil-lingwa Spanjola biss huwa awtentiku)

(2014/435/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/470/KE tal-25 ta' Mejju 2009 dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikoli 3(4) u 4(1) tagħha,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 84 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament u tal-Kunsill ⁽²⁾, l-impenn ta' nefqa mill-baġit tal-Unjoni għandu jkollu qablu deċiżjoni ta' finanzjament li tistabbilixxi l-elementi essenzjali tal-azzjoni li tinvolvi n-nefqa u li tiġi adottata mill-istituzzjoni jew mill-awtoritajiet b'setgħat li ġew delegati lilhom mill-istituzzjoni.
- (2) Id-Deċiżjoni 2009/470/KE tistabbilixxi l-proċeduri li jirregolaw il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għal miżuri veterinarji speċifiċi, inklużi miżuri ta' emerġenza. L-Artikolu 4(2) ta' dik id-Deċiżjoni jistipula l-kundizzjonijiet għall-kisba tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-qerda tal-influenza tat-tjur u l-Artikolu 4(3) ta' dik id-Deċiżjoni jistabbilixxi perċentwal ta' spejjeż imġarrba tal-miżuri ta' emerġenza li għandhom jiġu koperti mill-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni.
- (3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 349/2005 ⁽³⁾ jistipula regoli għall-ħlas ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għal miżuri ta' emerġenza għall-qerda ta' ċertu mard tal-annimali, inkluż l-influenza tat-tjur. L-Artikolu 7 ta' dak ir-Regolament jistabbilixxi d-dokumenti li għandhom jiġu sottomessi mill-Istat Membru li jitlob il-kontribut finanzjarju u l-iskadenzi biex jintbagħtu dawn id-dokumenti.
- (4) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/775/UE ⁽⁴⁾ tipprovdi għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni fir-rigward tal-ispejjeż ta' miżuri ta' emerġenza biex tiġi miġġielda l-influenza avjarja isiru minn Spanja fl- 2013. Skont l-Artikolu 1(2) ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni l-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għandu jiġi f'fissat f'deċiżjoni sussegwenti. L-Artikolu 2 ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni jipprovdi għall-ħlas lil Spanja tal-ewwel pagament tal-ammont ta' EUR 30 000,00.
- (5) Fis-6 ta' Frar 2014, Spanja ressqet talba uffiċjali għal rimborż akkumpanjata minn rapport finanzjarju, dokumenti ta' sostenn, rapport epidemjoloġiku dwar kull stabbiliment fejn l-annimali inqatlu jew inqerdu. It-talba għar-rimborż tammonta għal EUR 85 580,95. Madankollu, wara l-eżami tad-dokumenti ppreżentati, l-ammont ta' EUR 6 635,73 ġie meqjus bħala mhux eliġibbli għal rimborż skont it-termini tal- Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 349/2005.
- (6) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

⁽¹⁾ ĠU L 155, 18.6.2009, p. 30.

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall- baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 349/2005 tat-28 ta' Frar 2005 li jstabilixxi r-regoli rigward il-finanzjament Komunitarju għall-interventi urġenti u l-ġlieda kontra ċertu mard tal-annimali kif imsemmi fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE (ĠU L 55, 1.3.2005, p. 12).

⁽⁴⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/775/UE tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għal miżuri ta' emerġenza għall-ġlieda kontra l-influenza avjarja fil-Ġermanja, fl-Italja u fil-Pajjiżi l-Baxxi fl-2012 u fl-2013 u fid-Danimarka u Spanja fl-2013 (ĠU L 343, 19.12.2013, p. 44).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għan-nefqa mġarrba minn Spanja fl- 2013 għall-finanzjament ta' miżuri għall-gerda tal-influenza tat-tjur hija ffissata għal EUR 78 945,22.

Artikolu 2

Il-bilanċ tal-kontribuzzjoni finanzjarja li jifdal biex titħallas wara t-tnaqqis tal-pagament diġà mħallas ta' EUR 30 000,00 hija stabbilita għal EUR 48 945,22.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni li tikkostitwixxi deċiżjoni ta' finanzjament skont it-tifsira tal-Artikolu 84 tar-Regolament (EU, Euratom) Nru 966/2012 hija indirizzata lir-Renju ta' Spanja.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Lulju 2014.

Għall-Kummissjoni
Tonio BORG
Membri tal-Kummissjoni

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI**tal-4 ta' Lulju 2014****li tistabbilixxi l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għan-nefqa mġarrba mid-Danimarka fl- 2013 għall-finanzjament tal- miżuri ta' emerġenza biex tiġi miġġielda l-influenza avjarja***(notifikata bid-dokument C(2014) 4439)***(It-test bid-Daniż biss huwa awtentiku)**

(2014/436/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/470/KE tal-25 ta' Mejju 2009 dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikoli 3(4) u 4(1) tagħha,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 84 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, l-impenn ta' nefqa mill-baġit tal-Unjoni għandu jkollu qablu deċiżjoni ta' finanzjament li tistabbilixxi l-elementi essenzjali tal-azzjoni li tinvolvi n-nefqa u li tiġi adottata mill-istituzzjoni jew mill-awtoritajiet b'setgħat li ġew delegati lilhom mill-istituzzjoni.
- (2) Id-Deċiżjoni 2009/470/KE tistabbilixxi l-proċeduri li jirregolaw il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għal miżuri veterinarji speċifiċi, inklużi miżuri ta' emerġenza. L-Artikolu 4(2) ta' dik id-Deċiżjoni jistipula l-kundizzjonijiet biex tinkiseb il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-qerda tal-influenza avjarja u l- Artikolu 4(3) ta' dik id-Deċiżjoni jistabbilixxi l-perċentwal tal-ispejjeż imġarrba tal-miżuri ta' emerġenza li jridu jiġu koperti mill-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni.
- (3) Ir- Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 349/2005 ⁽³⁾ jistipula r-regoli għall-ħlas ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għal miżuri ta' emerġenza għall-qerda ta' ċertu mard tal-annimali, inkluża l-influenza avjarja. L-Artikolu 7 ta' dak ir-Regolament jistabbilixxi d-dokumenti li għandhom jiġu sottomessi mill-Istat Membru li jitlob il-kontribuzzjoni finanzjarja u l-iskadenzi biex jintbagħtu dawn id-dokumenti.
- (4) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/775/UE ⁽⁴⁾ tipprovdi għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni fir-rigward tal-ispejjeż ta' miżuri ta' emerġenza biex tiġi miġġielda l-influenza avjarja mġarrba mid-Danimarka fl- 2013. Skont l-Artikolu 1(2) ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni l-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għandu jiġi ffixsat f'deċiżjoni sussegwenti. L-Artikolu 2 ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni jistipula l-ħlas għad-Danimarka tal-ewwel porzjon fl-ammont ta' EUR 33 000,00.
- (5) Fl-14 ta' Frar 2014, id-Danimarka baġtet talba uffiċjali għal rimborż akkumpanjata b'rapport finanzjarju, dokumenti ta' sostenn, rapport epidemjoloġiku dwar kull stabbiliment fejn l-annimali ġew maqtula u meqruda. It-talba għal rimborż tammonta għal EUR 67 667,39. Madankollu, wara l-eżami tad-dokumenti ppreżentati, l-ammont ta' EUR 5 468,85 ġie meqjus bħala mhux eliġibbli għal rimborż skont it-termini tal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 349/2005.
- (6) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

⁽¹⁾ ĠU L 155, 18.6.2009, p. 30.

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 349/2005 tat-28 ta' Frar 2005 li jstabilixxi r-regoli rigward il-finanzjament Komunitarju għall-interventi urġenti u l-għieda kontra ċertu mard tal-annimali kif imsemmi fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE (ĠU L 55, 1.3.2005, p. 12).

⁽⁴⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/775/UE tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għal miżuri ta' emerġenza għall-għieda kontra l-influenza avjarja fil-Ġermanja, fl-Italja u fil-Pajjiżi l-Baxxi fl-2012 u fl-2013 u fid-Danimarka u Spanja fl-2013 (ĠU L 343, 19.12.2013, p. 44).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għan-nefqa mġarrba mid-Danimarka fl-2013 għall-finanzjament ta' miżuri għall-qerda tal-influenza avjarja hija ffissata għal EUR 62 198,54.

Artikolu 2

Il-bilanċ tal-kontribuzzjoni finanzjarja li jrid jitħallas wara t-tnaqqis diġà mħallas tal-ewwel porzjon ta' EUR 33 000,00 huwa stabbilit għal EUR 29 198,54.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni li tikkostitwixxi deċiżjoni ta' finanzjament skont it-tifsira tal-Artikolu 84 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 hija indirizzata lir-Renju tad-Danimarka.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Lulju 2014.

Għall-Kummissjoni
Tonio BORG
Membru tal-Kummissjoni

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI**tal-4 ta' Lulju 2014****li tistabbilixxi l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għan-nefqa mġarrba mill-Ġermanja fl-2012 u fl-2013 għall-finanzjament ta' miżuri ta' emerġenza biex tiġi miġġielda l-influenza avjarja***(notifikata bid-dokument C(2014) 4441)***(It-test bil-Ġermaniż biss huwa awtentiku)**

(2014/437/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/470/KE tal-25 ta' Mejju 2009 dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikoli 3(4) u 4(1) tagħha,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 84 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament u tal-Kunsill ⁽²⁾, l-impenn ta' nefqa mill-baġit tal-Unjoni għandu jkollu qablu deċiżjoni ta' finanzjament li tistabbilixxi l-elementi essenzjali tal-azzjoni li tinvolvi n-nefqa u li tiġi adottata mill-istituzzjoni jew mill-awtoritajiet b'setgħat li ġew delegati lilhom mill-istituzzjoni.
- (2) Id-Deċiżjoni 2009/470/KE tistabbilixxi l-proċeduri li jirregolaw il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għal miżuri veterinarji speċifiċi, inklużi miżuri ta' emerġenza. L-Artikolu 4(2) ta' dik id-Deċiżjoni jistipula l-kundizzjonijiet għall-kisba tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-qerda tal-influenza tat-tjur u l-Artikolu 4(3) ta' dik id-Deċiżjoni jistabbilixxi perċentwal ta' spejjeż imġarrba tal-miżuri ta' emerġenza li għandhom jiġu koperti mill-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni.
- (3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 349/2005 ⁽³⁾ jistipula regoli għall-ħlas ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għal miżuri ta' emerġenza għall-qerda ta' ċertu mard tal-annimali, inkluż l-influenza tat-tjur. L-Artikolu 7 ta' dak ir-Regolament jistabbilixxi d-dokumenti li għandhom jiġu sottomessi mill-Istat Membru li jitlob il-kontribut finanzjarju u l-iskadenzi biex jintbagħtu dawn id-dokumenti.
- (4) Il-Kummissjoni timplimenta d- Deċiżjoni 2013/775/UE ⁽⁴⁾ tipprovdi għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni fir-rigward tal-ispejjeż ta' miżuri ta' emerġenza biex tiġi miġġielda l-influenza avjarja mġarrba mill-Ġermanja fl-2012 u l- 2013. Skont l-Artikolu 1(2) ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni l-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għandu jiġi f'fissat f'deċiżjoni sussegwenti. L-Artikolu 2 ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni jistipula l-ħlas lill-Ġermanja tal-ewwel porzjon fl-ammont ta' EUR 500 000,00.
- (5) Fis-17 ta' Diċembru 2013, il-Ġermanja bagħtet talba uffiċjali għar-rimborż akkumpanjata minn rapport finanzjarju, dokumenti ta' sostenn, rapport epidemjoloġiku dwar kull stabbiliment fejn l-annimali ġew maqtul u meqrud. It-talba għar-rimborż għall-2012 tammonta għal EUR 22 886,55. Madankollu, wara l-eżami tad-dokumenti ppreżentati, l-ammont ta' EUR 705,00 ġie meqjus bħala mhux eliġibbli għal rimborż skont it-termini tal- Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 349/2005.
- (6) Fit-28 ta' Jannar 2014, il-Ġermanja bagħtet talba uffiċjali għar-rimborż akkumpanjata minn rapport finanzjarju, dokumenti ta' sostenn, rapport epidemjoloġiku dwar kull stabbiliment fejn l-annimali nqatlu jew inqerdu. It-talba għar-rimborż għall-2013 tammonta għal EUR 1 030 738,92. Madankollu, wara l-eżami tad-dokumenti ppreżentati, l-ammont ta' EUR 29 168,15 ġie meqjus bħala mhux eliġibbli għal rimborż skont it-termini tal- Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 349/2005.

⁽¹⁾ ĠUL 155, 18.6.2009, p. 30.

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 349/2005 tat-28 ta' Frar 2005 li jstabilixxi r-regoli rigward il-finanzjament Komunitarju għall-interventi urġenti u l-għieda kontra ċertu mard tal-annimali kif imsemmi fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE (ĠU L 55, 1.3.2005, p. 12).

⁽⁴⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/775/UE tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għal miżuri ta' emerġenza għall-għieda kontra l-influenza avjarja fil-Ġermanja, fl-Italja u fil-Pajjiżi l-Baxxi fl-2012 u fl-2013 u fid-Danimarka u Spanja fl-2013 (ĠUL 343, 19.12.2013, p. 44).

- (7) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għan-nefqa mġarrba mill-Ġermanja fl-2012 u fl-2013 għall-finanzjament ta' miżuri għall-qerda tal-influwenza tat-tjur huwa ffixat għal EUR 1 023 752,32.

Artikolu 2

Il-bilanċ tal-kontribuzzjoni finanzjarja li jifdal biex jitħallsu wara tnaqqis diġà ħallset l-ewwel porzjon ta' EUR 500 000,00 hija stabbilita għal EUR 523 752,32.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni li tikkostitwixxi deċiżjoni ta' finanzjament skont it-tifsira tal-Artikolu 84 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, hija indirizzata lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Lulju 2014.

Għall-Kummissjoni
Tonio BORG
Membru tal-Kummissjoni

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT